



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Lussemburgu, 15 ta' Ottubru 2018
(OR. en)

12991/18

COPS 363
POLMIL 164
COWEB 140
CSDP/PSDC 562
CFSP/PESC 932
BIH 21

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	15 ta' Ottubru 2018
lil:	Delegazzjonijiet

Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Bożnija-Ħerzegovina/Operazzjoni EUFOR Althea
	- Konklużjonijiet tal-Kunsill (15 ta' Ottubru 2018)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Bożnija-
Herzegovina/Operazzjoni EUFOR Althea, adottati mill-Kunsill fit-3643 laqgħa tiegħu li saret fil-15
ta' Ottubru 2018.

**KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR IL-BOŻNIJA-
HERZEGOVINA/OPERAZZJONI EUFOR ALTHEA**

1. Il-Kunsill itenni l-impenn inekwivoku tiegħu lejn il-perspettiva tal-Bożnija-Herzegovina orjentata lejn l-UE bħala pajjiż wieħed, magħqud u sovrani. Wara l-elezzjonijiet tas-7 ta' Ottubru, u filwaqt li jfakkar fil-Konklużjonijiet ta' Ġunju 2018, il-Kunsill jistenna lill-mexxejja kollha biex jimpenjaw ruħhom b'mod kostruttiv dwar il-formazzjoni tal-gvern fil-livelli kollha, fl-interess taċ-ċittadini kollha. Il-Kunsill ifakkar li jistenna li l-awtoritajiet tal-Bożnija-Herzegovina jagħtu prijorità lill-progress tar-riformi meħtieġa biex timxi 'l quddiem fuq it-triq lejn l-UE, billi jiżguraw l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Aġenda għar-Riforma.
2. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jilqa' l-preżenza kontinwa tal-Operazzjoni Althea, li fis-segwitu tar-Rieżami Strateġiku tal-2017 reġgħet iffukat fuq il-mandat prinċipali tagħha, filwaqt li żammet l-elementi tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet u t-taħriġ li huma meqjusa li għadhom meħtieġa u l-eliminazzjoni gradwali ta' elementi oħra li ma għadhomx rilevanti. F'dan il-kuntest, bħala parti mill-istrateġija ġenerali tal-UE għall-Bożnija-Herzegovina, il-Kunsill jikkonferma li f'dan l-istadju l-UE tinsab lesta li tkompli l-mandat militari eżekuttiv tal-Operazzjoni Althea biex tappoġġa lill-awtoritajiet tal-Bożnija-Herzegovina biex iżommu l-ambjent sigur u mingħajr periklu, fuq mandat imġedded tan-NU.
3. Il-Kunsill jistenna b'interess il-preżentazzjoni tar-Rieżami Strateġiku li jmiss fl-2019 bħala bażi għad-diskussjoni mal-Istati Membri dwar il-kompiti u l-għażliet tal-EUFOR għall-futur tal-Operazzjoni, filwaqt li jitqies ukoll l-appoġġ tal-progress tal-Bożnija-Herzegovina fil-proċess ta' integrazzjoni tagħha fl-UE u jittieħed kont tas-sitwazzjoni tas-sigurtà fuq il-post.
4. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-importanza ta' koordinazzjoni kontinwa ta' EUFOR Althea ma' atturi internazzjonali oħra fil-post.

5. L-UE tkompli fl-istess ħin thegħeġ lill-awtoritajiet tal-Bożnija-Ħerzegovina, bl-appoġġ tal-komunità internazzjonali, biex jaċċelleraw l-isforzi tagħhom biex jindirizzaw ir-rimi ta' munizzjon żejjed, l-armi u tagħmir splussiv, kif ukoll it-tneħħija ta' mini u kwistjonijiet pendent oħra.
-